# STATUT

## tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ

Kif approvat fl-Assemblea Ġenerali
fis-4 ta’ Marzu 2023

# Preambolu

Permezz ta' dan l-Istatut hu mwaqqaf il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ Maltin u Għawdxin.

## Artikolu 1 – Identità

1.1 L-isem uffiċjali ta' dan il-Kunsill huwa "Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ", fil-qosor "KNŻ".

1.2 Il-KNŻ huwa awtonomu mill-Gvern u minn kull istituzzjoni oħra, kemm politika, reliġjuża, kummerċjali jew ta' natura oħra.

1.3 Il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ KNŻ, għandu jkun magħruf bl-Ingliż bħala "Malta National Youth Council" u internazzjonalment bħala 'KNŻ Malta'.

1.4 Il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ għandu żewġ emblemi uffiċjali, dik tawwalija u dik imqassra, it-tnejn mehmużin ma' dan l-Istatut. Kull skop uffiċjali jeħtieġ l-użu ta' waħda minn dawn iż-żewġ emblemi, skont il-ħtieġa. Madankollu, emblemi oħrajn li jibnu fuq dawk uffiċjali fuq raġunijiet ta' kommemorazzjonijiet jew attivitajiet ta' natura simili, jistgħu jintużaw wara vot ta'

maġġoranza assoluta mill-Kumitat Eżekuttiv.

1.5 L-indirizz tal-KNŻ huwa: *50, Triq l-Iljun, Floriana, FRN1513,* u dan l-indirizz jista' jinbidel minn żmien għal żmien.

1.6 Il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ huwa membru sħiħ fil-European Youth Forum (YFJ).

1.7 Il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ huwa membru sħiħ fil-Youth Health Organization (YHO)

## Artikolu 2 – Definizzjonijiet

2.1 Għall-finijiet tal-KNŻ, żagħżugħ huwa persuna li għandha bejn it-13 u 35 sena.

2.2 Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Anness II ta' dan l-Istatut, vot b'maġġoranza assoluta huwa vot li jgħaddi b'iktar minn 50 fil-mija tal-voti kollha possibbli filwaqt illi vot b'maġġoranza sempliċi huwa vot li jgħaddi b'iktar minn 50 fil-mija tal-voti preżenti.

2.3 F'dan l-Istatut kull referenza għall-maskil għandha tittieħed ukoll bħala referenza għall-femminil u għat-tielet ġeneru.

2.4 F’dan l-Istatut kull referenza għaż-żgħażagħ Maltin għandha tittieħed ukoll bħala referenza għaż-żgħażagħ Għawdxin.

2.5 L-Istatut tal-KNŻ huwa miktub kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. F’kas ta’ differenzi fit-traduzzjoni, l-verżjoni fl-ilsien Malti tieħu preċedenza.

## Artikolu 3 – Ilsien

3.1 Il-Malti u l-Ingliż huma l-ilsna uffiċċjali tal-KNŻ, iżda ilsna oħra jistgħu jintużaw fejn tkun il-ħtieġa.

## Artikolu 4 – Għanijiet

4.1 Il-KNŻ jirrappreżenta l-għaqdiet taż-żgħażagħ Maltin u jaħdem ukoll fl-interessi u għall-ħtiġijiet taż-żgħażagħ li mhumiex assoċjati f’xi għaqda biex b’hekk ikun attur prinċipali fis-soċjetà Maltija li jwassal b’mod effettiv leħen iż-żgħażagħ Maltin fuq bażi nazzjonali u internazzjonali.

4.2 Il-KNŻ jaħdem ukoll sabiex:

a. Iġib ‘il quddiem il-formazzjoni u l-parteċipazzjoni taż-

żgħażagħ permezz ta' attivitajiet varji;

b. Iġib 'il quddiem spirtu ta' koperazzjoni, pluraliżmu u ugwaljanza fost iż-żgħażagħ Maltin, kif ukoll maturitá ta' ħsieb u għemil;

c. Iġib 'il quddiem il-kultura, speċjalment dik Maltija, fost iż-żgħażagħ;

d. Jgħin liż-żgħażagħ Maltin u l-għaqdiet tagħhom jiksbu pożizzjoni iktar attiva u fejjieda fix-xena żagħżugħa Mediterranja, Ewropea u Globali;

e. Iservi ta' mezz ta' skambju ta' ideat u informazzjoni fost iż-żgħażagħ;

f. Jgħin l-għaqdiet taż-żgħażagħ fl-għanijiet tagħhom, jipprovdilhom faċilitajiet għall-attivitajiet tagħhom u jservi ta' kordinatur Nazzjonali għall-attivitajiet u r-riżorsi tal-għaqdiet taż-żgħażagħ;

g. Jagħmel il-proposti tiegħu għall-programmi ta' għajnuna tal-Gvern lill-għaqdiet taż-żgħażagħ amministrati mill-Ministeru responsabbli miż-żgħażagħ u lill-amministraturi tal-programmi Ewropej;

h. Jistudja proposti ġejjin mill-għaqdiet taż-żgħażagħ u jagħti pariri lill-Gvern dwarhom;

i. Iqajjem kuxjenza fost iż-żgħażagħ Maltin għal għadd varju ta' attivitajiet kulturali u ta' divertiment;

j. Ikun leħen taż-żgħażagħ emarġinati;

k. Permezz ta' attivitajiet diversi, bħalma huma kampanji edukattivi kif ukoll pubblikazzjonijiet, isegwi, jevalwa u jsemma' leħen iż-żgħażagħ fuq problemi soċjali u temi oħrajn li jaffetwaw liż-żgħażagħ;

l. Jorganizza attivitajiet soċjali, edukattivi u kulturali għall-interess taż-żgħażagħ kollha Maltin, fosthom dawk imniżżla fl-Anness III ta' dan l-Istatut;

m. Isegwi u jevalwa l-ħidma tal-Gvern, b'mod speċjali fil-qasam taż-żgħażagħ;

n. Jgħin lill-Gvern jidentifika żgħażagħ kompetenti biex jinħatru fuq bordijiet tal-Gvern u jinnomina żgħażagħ kompetenti f'dawk il-bordijiet u entitajiet li l-KNŻ ikun qed jieħu sehem fihom;

o. Jikkontribwixxi attivament fit-tħejjija tal-Politika Nazzjonali

taż-Żgħażagħ billi jservi bħala l-korp konsultattiv ewlieni għall-Istat f'dak kollox li jolqot liż-żgħażagħ;

p. Jippromwovi kultura demokratika u parteċipattiva fost iż-żgħażagħ permezz tal-inizzjattivi tagħha u jħeġġeġ il-promozzjoni ta' kultura favur il-jeddijiet tal-bniedem;

q. Iservi ta' mezz ta' koperazzjoni u komunikazzjoni bejn l-għaqdiet taż-żgħażagħ u jkun forum ta' djalogu u diskussjoni bejniethom.

## Artikolu 5 – Struttura

5.1 Il-KNŻ għandu jsegwi din l-istruttura fil-ħidma tiegħu:

- Assemblea Ġenerali
- Bord tal-Kontroll
- Kummissjoni Elettorali
- Kumitat Eżekuttiv
- Kumitat tal-Għaqdiet
- Direttorati

o Kumitat Internazzjonali

o Kumitati Oħrajn

o Membri Sħaħ

o Membri Assoċjati

## Artikolu 6 – Sħubija fi ħdan il-KNŻ

6.1 Is-sħubija fil-KNŻ hi miftuħa għall-għaqdiet taż-żgħażagħ skont il-provedimenti ta' dan l-Istatut f'kategorija bħala Membru Sħiħ jew Assoċjat.

6.2 Sabiex għaqda tiġi meqjusa bħala Membru Sħiħ, trid tissodisfa dawn il-kriterji:

a. ma tkunx governattiva jew intiża sabiex tagħmel profitt;

b. tkun organizzata u attiva fuq bażi nazzjonali u/jew ikollha affiljazzjoni internazzjonali rikonoxxuta mill-European Youth Forum;

c. tkun għaqda organizzata fuq bażi lokali jew esklussivament f'fakultá, istitut, ċentru jew post tax-xogħol. Madanakollu għaqdiet fejn, kif preskritt fl-istatut tagħhom, huma

responsabbli għar-rappreżentanza diretta ta' studenti ta' fakultà, istitut jew ċentru partikulari, u li diġá huma rappreżentati minn xi organizazzjoni, assoċċjazzjoni, konfederazzjoni jew kunsilli fi ħdan il-KNŻ mhumiex eleġibbli li jissieħbu bħala Membri Sħaħ minħabba li jkunu ġa rappreżentati

d. tkun tibbaża l-ħidma tagħha b'riżq iż-żgħażagħ;

e. ikollha Statut li fl-opinjoni tal-Kumitat Eżekuttiv ikun wieħed demokratiku;

f. tkun għaqda li ilha uffiċjalment mwaqqfa għal mhux inqas minn sena, u wara sena eżistenti, l-istess għaqda tattendi u tipparteċipa fil-Kumitat tal-Għaqdiet (bħala osservatur) għal tal-anqas sitt xhur. Trid ukoll tiprovdi rapport tal-amministrazzjoni iffirmat minnhom u li fih jiġi speċifikat il-kariga eżekuttiva ta' kull wieħed u waħda minnhom. Dawn għandhom ikunu minimu ta' tlett membri;

g. ikollha parteċipazzjoni sostanzjali (minn tal-inqas 50%) ta' żgħażagħ fit-tmexxija tagħha jew tkun sezzjoni taż-Żgħażagħ fi ħdan Organizzazzjoni oħra.

6.3 Sabiex għaqda tiġi meqjusa bħala Membru Assoċjat fil-KNŻ

għandha tissodisfa dawn il-kriterji:

a. ma tkunx għaqda governattiva jew intiża sabiex tagħmel profitt;

b. tkun tibbaża l-ħidma tagħha b'risq iż-żgħażagħ;

c. jkollha Statut li fl-opinjoni tal-Kumitat Eżekuttiv, ikun wieħed validu u demokratiku;

d. għaqda tista' tiġi kkunsidrata għal sħubija assoċjata kemm-il darba ma tilħaqx il-kriterji kollha ta' Membru Sħiħ;

e. tkun għaqda li ilha uffiċjalment imwaqqfa għal mhux inqas minn sitt xhur.

f. Tkun osservatur fil-Kumitat tal-Għaqdiet sal-Assemblea Ġenerali li jkun imiss, fejn jittieħed vot dwar is-sħubija tagħha bħala assoċjata.

6.4 Meta l-Kumitat Eżekuttiv jirċievi talba għal sħubija għandu jgħarbel id-dokumentazzjoni u jara li l-applikanti jilħqu l-kriterji meħtieġa, u f'każ ta' rakkomandazzjoni pożittiva, l-għaqda applikanti tiġi approvata fl-ewwel Assemblea Ġenerali sussegwenti. Id-dokumenti meħtieġa huma:

a. kopja aġġornata tal-Istatut tal-għaqda;

b. rapport ta’ ħidma għas-sena ta’ ħidma preċedenti;

c. il-formula li tinsab fl-Anness I ta’ dan l-Istatut.

6.5 Kull għaqda li hija Membru Sħiħ għandha d-dritt tipparteċipa bl-aktar mod attiv fil-ħidma tal-KNŻ u jkollha d-dritt tal-vot fl-Assemblea Ġenerali u fil-Kumitat tal-Għaqdiet. Il-Bord tal-Kontroll għandu jikkompila ta` kull sena qabel l-Assemblea Ġenerali l-lista tal-għaqdiet u l-voti.

6.6 Membri Assoċjati tal-KNŻ jistgħu jattendu għal:

a. Kumitat tal-Għaqdiet

b. Kumitat Internazzjonali

c. Assemblea Ġenerali Annwali

d. Assemblea Ġenerali Straordinarja

e. Kumitati, Kummissjonijiet u working groups stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Eżekuttiv.

6.7 Membri Assoċjati għandhom id-dritt li jintervjenu u jipparteċipaw fl-organi tal-KNŻ mingħajr ma jkollhom vot.

6.8 Sa mhux aktar tard minn ġimagħtejn qabel l-Assemblea Ġenerali Ordinarja, kull membru tal-KNŻ, kemm jekk Sħiħ jew Assoċjat, għandu jibgħat lis-Segretarju Ġenerali l-formola li tinsab mehmuża fl-Anness I ta' dan l-Istatut, flimkien ma' kopja aġġornata tal-istatut tal-Għaqda, kif ukoll kopja tar-rapport annwali tal-għaqda li ntħareġ fl-aħħar sena mill-laqgħa. Il-Kumitat Eżekuttiv flimkien mal-Bord tal-Kontroll għandu d-dritt li jissospendi il-vot ta' dawk l-għaqdiet illi jonqsu milli jagħmlu dan.

6.9 Il-Bord tal-Kontroll għandu s-setgħa li jitlob għal informazzjoni supplimentari, jsejjaħ uffiċjali tal-għaqda sabiex jidhru quddiemu u jitlob li jara, jekk ikun hemm dubju, il-lista tal-membri.

6.10 Il-Bord tal-Kontroll għandu jiddikjara l-ammont ta' voti ta' kull għaqda skont il-provedimenti tar-Regolamenti ta' dan l-Istatut fl-istrutturi kollha tal-KNŻ.

6.11 F'każ li għaqda ma tibgħatx l-informazzjoni meħtiega, id-drittijiet tal-voti tagħha jiġu sospiżi sakemm dawn jibagħtu l-informazzjoni meħtieġa u sakemm dawn jiġu approvati mill-Kumitat tal-Għaqdiet jew mill-Assemblea Ġenerali.

6.12 Kull għaqda msieħba fil-KNŻ għandha tosserva dan l-Istatut.

6.13 Kull għaqda msieħba għandha tibgħat lis-Segretarju Ġenerali kopja tar-Rapport Amministrattiv u kopja tal-Istatut aġġornat, jekk ikunu saru xi emendi fih, wara kull Laqgħa Ġenerali tagħha. Il-Bord tal-Kontroll għandu d-dritt li jirrakkomanda lill-Assemblea Ġenerali s-sospensjoni tal-vot ta' dawk l-għaqdiet illi jonqsu milli jagħmlu dan.

6.14 Kull għaqda msieħba tispiċċa minn Membru Sħiħ tal-KNŻ:

a. meta tinforma lill-Kumitat Eżekuttiv bl-intenzjoni tagħha li ttemm is-sħubija tagħha;

b. *ipso facto* hekk kif tiġi xolta;

c. b'deċiżżjoni tal-Assemblea Ġenerali li taġixxi fuq il-parir tal-Bord tal-Kontroll wara li l-għaqda tonqos li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikli 6.2 u 6.3 dan l-Istatut jew ma tkunx għadha funzjonanti jew ma tkunx tikkwalifika aktar bħala membru;

d. *ipso facto* jekk ma tattendix għal żewġ seduti konsekuttivi tal- Assemblea Ġenerali;

e. *ipso facto* jekk ma tattendix għal 50% tal-laqgħat tal-Kumitat tal- għaqdiet bejn Assemblea Ġenerali Ordinarja u oħra.

6.15 Għaqda tista' titlob li tkun skużata qabel l-imsemmija laqgħa tal-Kumitat tal-Għaqdiet, u t-talba tiġi diskussa u deċiża waqt l-istess imsemmija laqgħa mill-għaqdiet preżenti fuq ir-rakkomandazzjoni tal-President tal-KNŻ jew delegat tiegħu.

6.16 Għaqda li tispiċċa minn Membru Sħiħ:

a. Minħabba nuqqas ta' attendenza fl-Assemblea Ġenerali u/jew Kumitat ta' l-Għaqdiet għandha ssir Membru Assoċjat,

b. Għaliex tinforma lill-Eżekuttiv bix-xewqa li ttemm s-sħubija tagħha, titwaqqas is-sħubija tagħha mal-KNŻ totalment.

6.17 Għaqdiet jew entitajiet mhux msieħba jistgħu jiġu mistiedna mill-Kumitat Eżekuttiv sabiex jattendu bħala osservaturi.

6.18 Kull Membru Sħiħ jew Assoċjat jista' jagħmel talba lill-Kumitat Eżekuttiv sabiex xi għaqda jew entitá tkun mistiedna tattendi bħala osservatur. Ma' din it-talba trid tingħata raġuni, li fl-opinjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tkun waħda valida, għalfejn din l-għaqda jew

entitá għandha tiġi mistiedna bħala osservatur.

6.19 Il-Kumitat Eżekuttiv biss jista' jagħmel l-istedina lill-għaqda sabiex din tattendi bħala osservatur.

6.20 Għaqda jew entitá tista' ukoll tiġi mistiedna tattendi għall-Assemblea Annwali Ġenerali bl-approvazzjoni tal-istess Laqgħa.

## Artikolu 7 – L-Assemblea Ġenerali Annwali

7.1 L-Assemblea Ġenerali Annwali tal-KNŻ għandha titlaqqa' annwalment bejn il-ħmistax (15) ta' Frar u l-ħmistax (15) ta' Marzu

7.2 L-Assemblea Ġenerali Annwali hija l-ogħla organu fl-istruttura tal-KNŻ u għandha l-poter illi tiddeċiedi fuq kull materja li titressaq quddiemha mill-organi jew membri tal-istess Kunsill. Id-deċiżjonijiet meħuda huma finali, kemm-il darba jkunu konformi mal-klawsoli ta' dan l-Istatut.

7.3 L-Assemblea Ġenerali Annwali tkun magħmula minn rappreżentanti ta' kull Għaqda Membru Sħiħ jew Assoċjat tal-KNŻ, flimkien mal-membri tal-Eżekuttiv, Direttorati,

Kummissjonijiet u organi tal-Kunsill.

7.4 Fl-Assemblea Ġenerali Annwali għandhom id-dritt tal-vot biss ir-rappreżentanti ta' kull għaqda li tkun Membru Sħiħ.

7.5 Kull għaqda għandha tkun rappreżentata fl-istrutturi tal-KNŻ b'dawk il-persuni li jkunu nominati minn qabel skont il-proċeduri ta' dan l-Istatut. Jekk għaqda tixtieq tiġi rappreżetata b'*proxy*, l-għaqda trid tibgħat ittra lis-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat Eżekuttiv biex tikkonferma l-isem tal-*proxy*. Kull għaqda għandha qabel kull Assemblea Ġenerali Annwali tinnomina sa żewġ membri biex jirrappreżentawha, liema membri jistgħu jinbidlu sa ġimgħa qabel l-Assemblea Ġenerali Annwali, Straordinarja jew laqgħat tal-istrutturi tal-KNŻ.

7.6 Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7.2, ikun dmir l-Assemblea Ġenerali Annwali li:

a. tiddeċiedi dwar l-ammissjoni tal-membri;

b. darba kull sentejn taħtar il-Kumitat Eżekuttiv għas-sentejn ta' wara;

c. tirċievi u tapprova r-Rapport Amministrattiv tas-Segretarju

Ġenerali għas-sena ta' ħidma li tkun qed tintemm;

d. tirċievi u tapprova r-Rapport Finanzjarju tal-Uffiċjal Finanzjarju għas-sena ta' ħidma li tkun qed tintemm;

e. taħtar il-Bord tal-Kontroll;

f. taħtar l-Awdituri.

g. taħtar servizz legali

7.7 L-Asemblea Ġenerali Annwali għandha ssegwi r-Regolamenti stabbiliti fl-Anness II ta' dan l-Istatut.

7.8 L-Assemblea Ġenerali Annwali tista' titlaqqa' b'deċiżjoni meħuda b'maġġoranza assoluta tal-Kumitat tal-Eżekuttiv.

7.9 L-avviż ta' l-Assemblea Ġenerali Annwali għandu jingħata lill-għaqdiet mhux anqas minn xahar qabel id-data fissata. Mal-avviż tal-Assemblea Ġenerali Annwali għandha tinħareġ talba għal mozzjonijiet u sejħa għal nominazzjonijiet mingħand il-kandidati prospettivi għall-Kumitat Eżekuttiv tal-KNŻ.

7.10 Sabiex mozzjonijiet jiġu diskussi mill-Assemblea Ġenerali Annwali, dawn għandhom jaslu għand is-Segretarju Ġenerali sa

ħmistax-il ġurnata qabel l-Assemblea Ġenerali Annwali. Dawn għandhom jiġu ċirkolati mal-membri immedjatament. Ma jistgħux jiġu diskussi mozzjonijiet waqt l-Assemblea Ġenerali li ma jkunux waslu għand is-Segretarju Ġenerali fiż-żmien imsemmi. Madanakollu, l-Assemblea Ġenerali Annwali tista' tiddiskuti mozzjonijiet li ma jkunux ġew ippreżentati skont il-provedimenti ta' dan l-Artikolu jekk ikun hemm vot unanimu li jaqbel li l-mozzjoni għandha tiġi diskussa. Dan il-vot m'għandu l-ebda rilevanza fuq is-sustanza tal-mozzjoni.

7.11 F'każ li l-Assemblea Ġenerali Annwali għal xi raġuni ma tissejjaħx, il-Bord tal-Kontroll għandu jibgħat għal-President u għas-Segretarju Ġenerali, u jekk iħoss il-ħtieġa, ilaqqagħha hu skont il-provvedimenti ta' dan l-Istatut.

7.12 Il-proċess tal-voti matul l-Assemblea Ġenerali Annwali għandu jsir skont il-provediment tal-Anness II.

## Artikolu 8 – L-Assemblea Ġenerali Straordinarja

8.1 L-Assemblea Ġenerali Straordinarja tista' titlaqqa' b'deċiżjoni meħuda b'maġġoranza assoluta

a. tal-Kumitat Eżekuttiv jew

b. tal-Bord tal-Kontroll jew

c. wara talba ta' 40% tal-Għaqdiet Membri Sħaħ

8.2 Assemblea Ġenerali Straordinarja għandha tissejjaħ fi żmien ġimagħtejn malli s-Segretarju Ġenerali jiġi notifikat bit-talba.

8.3 F'każ ta' Assemblea Ġenerali Straordinarja, l-aġenda u l-mozzjonijiet għandhom ikunu annessi mat-talba jew mad-deċiżjoni meħuda.

8.4 Il-membri tal-KNŻ għandhom ikunu notifikati bl-Assemblea Ġenerali Straordinarja tal-inqas ġimgħa qabel id-data fissata.

8.5 Assemblea Ġenerali Straordinarja ma tistax tissejjaħ kemm-il darba jkun diġa ħareġ avviż għall-Assemblea Ġenerali Annwali. Jekk issir talba oħra għal Assemblea Ġenerali Straordinarja, dawk il-punti għad-diskuzzjoni jiġu diskussi f'dik l-Assemblea Ġenerali msejħa.

## Artikolu 9 – Il-Kumitat tal-Għaqdiet

9.1 Għandu jkun hemm Kumitat tal-Għaqdiet kompost mill-Kumitat

Eżekuttiv u minn rappreżentanti ta' kull għaqda Sħiħa jew Assoċjata. Għandu d-dritt tal-vot membru wieħed minn kull għaqda Membru Sħiħ preżenti, kif ukoll f'każ ta' paritá fil-voti, id-dritt tal-*casting vote* konferit liċ-Chairperson tal-Laqgħa li jkun il-President tal-KNŻ jew persuna delegata minnu.

9.2 Il-Kumitat tal-Għaqdiet għandu jkun presedut mill-President tal-KNŻ filwaqt li l-Viċi President, jew persuna delegata minnu, għandu jara li jsejjaħ il-laqgħat u jżomm il-minuti ta' kull laqgħa.

9.3 Il-Kumitat tal-Għaqdiet għandu jiltaqa' tal-anqas darba kull tlett xhur, fejn l-avviż għandu jintbgħat sa mhux aktar tard minn ġimgħatejn qabel, sakemm mhux laqgħa ta' emerġenza. Laqgħa ta' emerġenza ma tistax tissostitwixxi laqgħa konvenuta b'obbligu statutorju.

9.4 Il-Kumitat tal-Għaqdiet għandu jiġi mlaqqa' wkoll fi żmien sebat ijiem minn meta s-Segretarju Ġenerali jirċievi talba għal dan minn tal-anqas ħames għaqdiet Membri Sħaħ.

9.5 Il-Kumitat tal-Għaqdiet għandu s-setgħa:

a. jiddiskuti proposti mressqa lilu mill-Kumitat Eżekuttiv jew

mill-għaqdiet membri;

b. fl-ewwel laqgħa wara l-Planning Weekend, japprova l-pjan ta' ħidma tal-KNŻ u n-nominazzjonijiet għal-pożizzjonijiet Direttorali mressqa mill-Kumitat Eżekuttiv għas-sena ta' ħidma li tkun se tibda;

c. jagħmel, fuq ir-rakkomadazzjnijiet tal-Kumitat Eżekuttiv, dawk ir-regolamenti meħtieġa sabiex jiffaċilitaw il-ħidma u l-proċedura tal-KNŻ.

## Artikolu 10 – Il-Kumitat Eżekuttiv

10.1 Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jkun ġeneralment responsabbli għall-ħidma eżekuttiva u amministrattiva kollha tal-KNŻ għal mandat ta' sentejn.

10.2 Il-Kumitat Eżekuttiv ikun kompost mhux inqas minn seba' persuni, u mhux aktar minn disa' persuni, kollha eletti mill-għaqdiet. Kull membru elett għandu jiddikjara li jġib l-ewwel l-interess tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ u ż-żgħażagħ inġenerali fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv.

10.3 Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jiltaqa' mhux anqas minn darba kull

xahar. Avviż għal-laqgħa għandu jintbgħat lill-membri mis-Segretarju Ġenerali sa mhux anqas minn tlett ijiem qabel.

10.4 Il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv jaqdu d-dmirijiet tagħhom fuq bażi volontarja. Madankollu l-KNŻ għandu jroddilhom lura l-ispejjeż li ġarrbu fil-qadi ta' dmirijiethom.

10.5 Membru tal-Kumitat Eżekuttiv li ma kienx skużat mil-laqgħa tal-Eżekuttiv u ma jattendix għal tliet laqgħat konsekuttivi, jew ħames laqgħat mhux konsekuttivi, jiġi awtomatikament dekadut mill-Kumitat Eżekuttiv.

10.6 Membru tal-Kumitat tal-Ezekuttiv ma jistax ikun imsiefer għal aktar minn sitt xhur konsekuttivi.

10.7 Dan il-membru għandu jara illi jaqdi dmirijietu skont l-Istatut tal-KNŻ u il-Kodici ta' Etika waqt li jkun imsiefer, sakemm huwa prattiku u possibli, li jinkludu dmirijiet li:

a. Jagħmel użu minn mezzi elettroniċi jew mezzi oħra sabiex ikun jista' jattendi il-laqgħat tal-Eżekuttiv u/jew iżomm ruħu aġġornat magħhom

b. Jżomm ruħu aġġornat mal-politka (*policies*) tal-KNŻ u

jikkontribwixxi għall-formulazzjoni tagħhom

c. Iżomm ruħu aċċessibli għall-membri tal-Kumitat tal-Eżekuttiv u għall-pubbliku inġenerali skont Artiklu 2.11 tal-Kodiċi ta' Etika.

10.8 Għall-fini ta' dan l-Istatut, membru għandu jitqies skużat mil-laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv meta jkun nieqes fuq xogħol tal-KNŻ jew minħabba mard jew f'każijiet fejn il-Kumitat Eżekuttiv, b'vot b'maġġoranza sempliċi, jiddeċiedi li jiskuża l-membru.

10.9 Il-Kumitat Eżekuttiv iwettaq il-ħidma tal-KNŻ skont il-pjan ta' ħidma approvat mill-Kumitat tal-Għaqdiet.

10.10 Il-Kumitat Eżekuttiv huwa responsabbli għall-ħidma tal-KNŻ, u r-rapporti ta' din il-ħidma jiġu preżentati lill-Assemblea Ġenerali.

10.11 Il-Membri tal-Kumitat Eżekuttiv jaqdu l-mandat tagħhom fl-interess ġenerali taż-żgħażagħ. Huma m'għandhomx ikunu meqjusa rappreżentanti ta' xi għaqda jew entitá f'ħidmithom fil-Kumitat Eżekuttiv.

10.12 Il-Fundaturi Membri tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ u r-responsabilitajiet tagħhom huma dawn li ġejjin:

1) President – Michael Piccinino

2) Viċi President – Naomi Bugre;

3) Segretarju Ġenerali – Sean Ellul;

4) Deputat Segretarju Ġenerali – Graham Sansone;

5) Uffiċjal Finanzjarju – Martina Camilleri;

6) Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi – Monique Agius;

7) Kummissarju għall-Politika Pubblika u d-Drittijiet taż-Żgħażagħ – Adrian Dominic Ellul;

8) Kumissarju għas-Servizzi taż-Żgħażagħ – Sara Ezabe;

9) Uffiċjal għall-Affarijiet Internazzjonali u l-Unjoni Ewropeja – Neil Smart Costantino;

10) Uffiċjal Nazzjonali – Jasmine Farrugia;

11) Membru – Chiara Vassallo;

12) Membru – Eman Borg;

13) Membru – William Vella

## Artikolu 11 – Elezzjoni għall-Membri tal-Kumitat Eżekuttiv

11.1 Mal-avviż tal-Assemblea Ġenerali elettiva għandhom jinfetħu n-nominazzjonijiet għall-membri fuq il-Kumitat Eżekuttiv, u dawn għandhom jagħlqu ġimagħtejn qabel l-Asemblea Ġenerali.

11.2 In-nominazzjonijiet għandhom jaslu għand il-Bord tal-Kontroll u il-Kummissjoni Elettorali li huma wkoll inkarigati milli jissorveljaw il-votazzjoni u l-proċess kollu b'mod imparzjali u miftuħ. Man-nominazzjoni trid tintbgħat ukoll resume ta' ħidma tal-kandidat u deskrizzjoni qasira tal-viżjoni tiegħu bħala membru tal-Eżekuttiv tal-KNŻ.

11.3 Għandhom il-jedd li jinnominaw kandidati dawk l-għaqdiet li jkunu Membri Sħaħ minn fost il-membri tagħhom, kif ukoll żgħażagħ oħra li jidrilhom li jkunu wrew il-kwalitajiet ta' tmexxija u għaqal għall-pożizzjoni ta' Membru tal-Ezekuttiv, b'dan li ebda kandidat ma jista' jkollu anqas minn sittax-il sena jew aktar minn ħamsa u tletin sena fil-ġurnata tal-elezzjoni u li l-ebda għaqda ma tista' tinnomina aktar minn żewġ persuni.

11.4 Huma mċaħħda milli jkunu nominati bħala kandidati dawk il-persuni li f'xi żmien kienu servew fuq il-Kumitat Eżekuttiv u ġew minnu dekaduti.

11.5 Lista tal-kandidati nominati għandha tintbagħat lill-għaqdiet kollha tal-anqas tnax-il ġurnata qabel l-elezzjoni.

11.6 F'każ li jkun hemm xi post vakanti fil-Kumitat Eżekuttiv matul is-sena, is-Segretarju Ġenerali fi żmien sebat ijiem minn meta tinħoloq it-tali vakanza għandu jinforma b'dan liċ-Chairperson tal-Bord tal-Kontroll u tal-Kummissjoni Elettorali b'dan u illi għandhom jerġgħu jinfetħu n-nominazzjonijiet skont il-provvedimenti ta' dan l-Istatut u ssir votazzjoni barra l-forum tal-Assemblea Ġenerali, fejn kull Membru Sħiħ ikollu voti skont l-aħħar Assemblea Ġenerali. F'każ li ma jitressqux ebda nominazzjonijiet, il-Kumitat Eżekuttiv għandu jressaq ismijiet ta' persuni eliġibbli sabiex iservu fuq il-Kumitat Eżekuttiv lill-Bord tal-Kontroll u dan għandu s-setgħa li jagħmel effettiva l-*co-option* tagħhom jew jiċħadha, fi żmien ġimagħtejn minn meta jiġi mgħarraf. Provdut illi jekk Direttur eżistenti juri interess permezz ta' email lis-Segretarju Ġenerali jew waqt laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv, dan l-istess interess għandu jiġi kkomunikat lill-Bord tal-Kontroll mingħand is-Segretarju Ġenerali flimkien man-notifika, u għandha titqies bħala nominazzjoni għall-Kumitat Eżekuttiv.

11.7 Il-proċess tal-votazzjoni għandu jsir skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness II ta’ dan l-Istatut.

11.8 Ir-riżultat ta’ kull elezzjoni jew co-option għandu jintbagħat immedjatament lill-għaqdiet kollha msieħba.

## Artikolu 12 – Ħatra tal-Karigi fil-Kumitat Eżekuttiv

12.1 Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jaħtar minn ħdanu:

1) President (President),
2) Viċi President (Vice President),
3) Segretarju Ġenerali (Secretary General),
4) Uffiċjal Finanzjarju (Financial Officer),
5) Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi (PR Officer),
6) Uffiċjal tal-Kommunita Għaż-Żgħażagħ (Youth Community Officer),
7) Uffiċjal għall-Affarijiet Internazzjonali u tal-Unjoni Ewropeja (International and EU Officer),
8) Uffiċjal Nazzjonali (National Officer),

9) Kariga oħra skont kif il-Kumitat Eżekuttiv minn żmien għal żmien jidirlu li hemm bżonn.

12.2 Meta jseħħu bidliet fil-Kumitat Eżekuttiv, jkun hemm perjodu ta' handover ta' xahar wara l-Laqgħa Ġenerali rispettiva. Matul dan il-perjodu l-informazzjoni kollha meħtieġa tgħaddi mill-membri eżekuttivi ħerġin lil dawk li jidħlu

12.3 Ħadd ma jista' jokkupa l-istess kariga għal aktar minn żewġ termini konsekuttivi.

12.4 Il-Presidenza

12.4.1. Il-President huwa l-ogħla uffiċjal tal-Kunsill. Il-President irid jara illi fil-ħidma tal-KNŻ, dan l-Istatut jiġi osservat. Huwa jippresjedi l-laqgħat tal-Kunsill kif ukoll responsabbli direttament għal-linji ġenerali skont l-għanijiet ta' dan l-Istatut. Il-President hu fid-dmir li jżomm kuntatt kontinwu mal-Kummissjonijiet u Kumitati kollha tal-Kunsill kif ukoll jirrappreżenta lill-KNŻ kemm internament kif ukoll esternament.

12.4.2. Il-President għandu jekk iħoss il-bżonn iwaqqaf grupp amministrattiv minn ħdan il-Kumitat Eżekuttiv, grupp illi

filwaqt jista' jgħin lill-President fir-responsabiltajiet tiegħu, ma jistax ikollu poteri riservati esklussivament għall-Kumitat Eżekuttiv.

12.4.3. Il-Viċi President huwa it-tieni l-ogħla kariga fl-Eżekuttiv wara il-President. Huwa għandu d-dmir li filwaqt li jassisti lill-President fil-ħidma tiegħu, jara wkoll li jgħin fil-ħidma ġenerali tal-KNŻ sabiex jintlaħqu l-għanjiet u l-objettivi stipulati minn żmien għal ieħor. Fl-assenza tal-President, il-Viċi President għandu jassumi l-rwoli tiegħu, speċjalment fit-tmexxija tal-Eżekuttiv. Għandu jara li jikkordina mal-President sabiex f'kull avveniment, sakemm huwa possibli, xi ħadd minn dawn it-tnejn jirrappreżentaw lil KNŻ. Għandu jara wkoll li jgħin lill-President fil-moniteraġġ tal-ħidma nazzjonali u anke internazzjonali mwettqa mill-membri. Huwa għandu d-dmir li jżomm l-aqwa kuntatt bejn il-KNŻ u l-għaqdiet taż-żgħażagħ, kemm dawk membri u oħrajn. Għandu jinforma lill-għaqdiet bl-iżviluppi kontinwi li jseħħu fil-KNŻ; iressaq quddiem l-Eżekuttiv suġġerimenti mingħand l-għaqdiet; jara li l-leħen tal-għaqdiet qed jinstema' u jingħata stima, u jagħmel kuntatt ma' għaqdiet minn sferi differenti sabiex dawn jagħtu dimensjoni

ikbar u differenti lill-KNŻ.

12.5 Is-Segretarju Ġenerali

12.5.1. Is-Segretarju Ġenerali jissostitwixxi lill-President u Viċi President meta dawn ikunu indisposti u jgħinhom fit-tfassil tal-linji ġenerali tal-Kunsill. Is-Segretarju Ġenerali huwa nkarigat bl-organizzazzjoni tad-dokumentazzjoni b'mod ordnat, kif ukoll għandu jżomm dettalji aġġornati dwar il-Membri u jżomm kuntatt kontinwu magħhom.

12.5.2. Huwa jsegwi l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma tal-Kunsill mill-qrib, u huwa responsabbli għat-twettiq tiegħu flimkien mal-bqija tal-amministrazzjoni, jew fl-assenza ta' dan, mal-President u Viċi President.

12.5.3. Is-Segretarju Ġenerali huwa fid-dmir li jibgħat kull informazzjoni li l-Kumitat Eżekuttiv jidhirlu li għandha tintbagħat lill-għaqdiet membri.

12.5.4. Is-Segretarju Ġenerali jew il-President jew il-Viċi President jirrapreżentaw lill-Kunsill kull meta jkun meħtieġ.

12.5.5. Kull impjegat jew intern jew persuna li tkun qiedgħa mal-KNŻ għandha tkun taħt id-direzzjoni politika tas-Segretarju Ġenerali f'isem l-Eżekuttiv tal-KNŻ.

12.6 L-Uffiċjal għall-Affarijiet Internazzjonali u tal-Unjoni Ewropea jwettaq il-ħidma tal-Kunsill fil-qasam internazzjonali, billi jibni u jiżviluppa relazzjonijiet ma' għaqdiet, entitajiet, ambaxxati, kunsilli nazzjonali taż-żgħazagħ barranin u affiljazzjonijiet internazzjonali (speċjalment il-European Youth Forum u l-YHO). Huwa għandu d-dmir li jara li l-KNŻ jiġi rrappreżentat fil-qasam internazzjonali billi preferibilment ikun hu l-membru uffiċjali li jirrappreżenta l-Kunsill f'dawn l-isferi, u jara li tinżamm kontinwita' f'dan il-qasam. Jista jifforma sotto-kumitat li jgħinu fil-ħidma tiegħu fil-qasam internazzjonali.

12.4.1. Għal raġunijiet validi li L-Uffiċjal għall-Affarijiet Internazzjonali ma jkunx jista' jattendi ċertu avvenimenti internazzjonali relatati ma' YHO, L-Uffiċjal tal-Kommunita Għaż-Żgħażagħ għandu l-obligu li jattendi

12.7 L-Uffiċjal Finanzjarju

12.6.1 L-Uffiċjal Finanzjarju huwa responsabbli għall-finanzi tal-KNŻ. Huwa responsabbli mid-dħul u l-infiq tal-Kunsill u għandu d-dmir li jorganizza skemi ta' dħul għall-KNŻ.

12.6.2 L-Uffiċjal Finanzjajru jrid iżomm kotba aġġornati u jagħti

rendikont finanzjarju lill-Kumitat Eżekuttiv kull tlett xhur kif ukoll meta jintalab mill-Kumitat Eżekuttiv. F'dan il-każ, huwa għandu jingħata avviż minn ġimagħtejn qabel sabiex ikun jista' jipprepara r-rendikont.

12.6.3 Jekk dan ir-rendikont ma jingħatax, l-Eżekuttiv għandu jara li l-Bord tal-Kontroll jiġi mgħarraf b'dan u jieħu l-passi skont klawsola14.1.

12.6.4 L-Uffiċjal Finanzjarju, flimkien mal-President, għandhom id-dmir li fi żmien tlett xhur mill-elezzjoni tagħhom fi ħdan il-Kumitat Eżekuttiv joħolqu protokoll finanzjarju (*Financial Protocol*). Dan il-protokoll għandu jispjega l-irwoli, awtoritajiet u responsabbiltajiet fejn jidħol l-immaniġjar tal-finanzi tal-KNŻ. B'hekk, il-protokoll għandu, *inter alia,* jassenja l-awtorita għal deċiżżjonijiet finanzjarji, kemm regolari kif ukoll dawk *ad hoc* u jirregola kif għandhom isiru r-rimborżi u l-applikazzjonijiet għal fondi mill-Uffiċjali l-oħra tal-Kumitat Eżekuttiv. Dan il-protokoll iħeġġ l-approvazzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv qabel ma jibda jopera, u għandu jinbidel fejn l-istess Kumitat jaqbel b'vot ta' maġġoranza sempliċi.

12.8 L-Uffiċjal responsabbli għar-relazzjoijiet Publiċi (PR Officer) huwa responsabbli għar-Relazzjoni Pubblika tal-KNŻ. Responsabbli wkoll għall-promozzjoni tal-KNŻ, fejn *inter alia* għandu jinkludi rpromozzjonijiet, *branding*, u midja soċjali tal-KNŻ. Huwa fid-dmir li joħroġ stqarrijiet u avviżi għall-istampa, skont kif jiddeċiedi l-Kunsill, li jżomm relazzjoni mal-mezzi tal-istampa u x-xandir u joħloq skemi ta' informazzjoni sabiex il-ħidma tal-KNŻ tingħata għarfien. Fil-ħidma tiegħu, dan l-Uffiċjal jista jiddelega numru ta' responsabilitajiet lid-Direttorati li jaf ikollu taħtu, għajr dawk li għandhom x'jaqsmu mar-relazzjonijiet pubbliċi tal-KNŻ. Huwa responsabbli wkoll għall-komunikazzjoni permezz ta' mezzi elettoriniċi li jista' jkollu l-KNŻ. Għandu wkoll jaħdem sabiex tittejjeb id-dehra u r-reputazzjoni tal-KNŻ b'kull mod possibli u fl-oqsma kollha, b'ħidma mill-qrib mal-Uffiċjal Finanzjarju.

12.9 L-Uffiċjal Nazzjonali huwa nkarigat bil-ħsieb u l-organizzar ta' dawk l-attivitajiet annwali (u oħrajn) li jtella' l-KNŻ jew li l-istess KNŻ huwa parteċipi fihom, fuq livell nazzjonali. Huwa wkoll bid-dmir li jsegwi ġrajjiet kurrenti u jaġġorna lill-Eżekuttiv fuq dawk it-temi li jikkonċernaw liż-żgħażagħ. Għandu wkoll iħejji u jfassal

dokumenti u proposti f'isem il-KNŻ dwar temi marbuta ma' politika soċjali u drittijiet taż-żgħażagħ kollha kif ukoll jara li jinfetħu diskussjonijiet fuq dawk it-temi li, għal raġunijiet varji, jaf m'għandhomx pjattaforma addattata għad-diskussjoni minkejja l-fatt li l-bżonn ta' diskussjoni huwa ċar. Dan l-Uffiċjal, fil-qadi ta' dmirijietu, għandu jiddelega b'mod raġonevoli, wara qbil mal-Kumitat Eżekuttiv, għadd ta' responsabiltajiet tal-uffiċju tiegħu lid-Direttorati skont Artikolu 13 sabiex jgħinuh fit-twettiq ta' dawn il-proġetti jew attivitajiet. Għandu wkoll id-dmir li jkun minn ta' quddiem sabiex iwassal lil KNŻ jipparteċipa u jagħti sehmu f'attivitajiet nazzjonali, speċjalment dawk imtellgħa minn awtoritajiet u entitajiet oħrajn.

12.10 L-Uffiċjal tal-Kommunita Għaż-Żgħażagħ għandu jiżviluppa modi kif iż-żgħażagħ inġenerali, partikolarment dawk ħaddiema, jingħataw servizzi, taħriġ jew għajnuna partikolari li tgħinhom f'ħidmiethom u tressaq lejhom ħidmet il-KNŻ. Għandu wkoll iżomm kuntatt b'saħħtu mal-awtoritajiet responsabbli miż-żgħazagħ Maltin.

12.11 Membru ieħor tal-Kumitat Eżekuttiv iġorr portafoll skont kariga li jiddeċiedi l-Eżekuttiv. Dan il-portafoll jintgħażel skont il-

bżonnijiet li jkollu l-Kunsill u taż-żgħażagħ f'dak il-perjodu. B'hekk il-ħidma tal-Kunsill tkun flessibli biex tiżdied ir-relevanza tal-KNŻ fuq livell nazzjonali u internazzjonali.

12.12 Il-President tal-KNŻ, wara konsultazzjoni mal-kumplament tal-Eżekuttiv, għandu jara li jassenja r-responsabilta (mar-responsabiltajiet statutorji oħrajn) lil membru tal-Eżekkuttiv li jimbotta l-interess taż-żgħażagħ Għawdxin fix-xogħol kollu tal-Kunsill.

## Artikolu 13 – Direttorati, Kummissjonijiet, Kumitati u Sotto-Kumitati

13.1 Il-Kumitat Eżekuttiv għandu d-dmir li joħloq numru ta' Direttorati sabiex jiffaċilitaw ix-xogħol tal-istess Kumitat Eżekuttiv kif imħejji fil-Pjan ta' Ħidma għas-sena li jkun imiss. Mhux inqas minn sitta u mhux aktar minn tmienja minn dawn il-karigi jistgħu jinħolqu, b'kull Direttorat ikun stabbilit b'portafoll imħejji mill-Kumitat Eżekuttiv għas-sena ta' ħidma li jkun imiss.

13.2 Kull membru tal-Kumitat Eżekuttiv, għajr il-President, Viċi President u l-Uffiċjal Finanzjarju, jista' jissottometti talba lill-kumplament tal-Kumitat Eżekuttiv biex joħloq Direttorat/i fl-

Uffiċju tiegħu għas-sena ta' ħidma li jkun imiss. L-ebda Uffiċju ma jista jkollu aktar minn tlett (3) Direttorati fl-istess ħin.

13.3 Huwa d-dmir tal-Kumitat Eżekuttiv li, waqt li tkun għaddejja t-tħejjija tal-Pjan ta' Ħidma, jevalwa s-sottomissjonijiet kollha li saru u li jipproponi Direttorati oħrajn jekk ikun meħtieġ. L-istess Kumitat Eżekuttiv għandu, b'vot ta' maġġoranza assoluta, joħloq l-imsemmija Direttorati. Il-Kumitat Eżekuttiv huwa obligat li joħroġ sejħa pubblika għal dawn ilkarigi biex iħejji sett ta' interviews biex jintagħżlu d-Diretturi. Filkaż li ma jkunx hemm interess pubbliku, il-kumitat Eżekuttiv huwa imħejji li jinnomina żgħażagħ għal dawn il-karigi, minn hawn il-quddiem imsejħa Diretturi

13.4 Id-Diretturi nominati jistgħu biss jibdew jaħdmu wara li dawn jiġu approvati mill-Kumitat tal-Għaqdiet fl-ewwel laqgħa ta' wara l-*Planning Weekend*. Jekk Direttur ma jiġix approvat mill-Kumitat tal-Għaqdiet, il-Kumitat Eżekuttiv għandu ħmistax-il ġurnata biex jinnomina persuna oħra sabiex topera bħala Direttur taħt probazzjoni sal-laqgħa tal-Kumitat tal-Għaqdiet li jmiss. Direttur taħt probazzjoni għandu, tul iż-żmien ta' probazzjoni, kull dritt u dmir li jiġu mad-Direttorat tiegħu. Jekk il-Kumitat tal-Għaqdiet

jerġa jirrifjuta n-nomina, l-Bord tal-Kontroll għandu, fi żmien ġimagħtejn mit-tieni rifjut, jaħtar żagħżugħ sabiex jopera bħala Direttur sal-Assemblea Ġenerali Anwali li jkun imiss, mingħajr preġudizzju għall-klawsola *13.10* ta' dan l-Artikolu.

13.5 Diretturi li jkunu maħtura fl-ewwel sena ta' ħidma tal-Kumitat Eżekuttiv għandhom jokkupaw id-Direttorati tagħhom, sakemm dawn id-Diretturi ma jinbidlux skont klawsola *13.10*, sa ma jiġi konkluż t-tfassil tal-Pjan ta' Ħidma għat-tieni sena tal-Kummitat Eżekuttiv. Fejn il-Kummitat Eżekuttiv jiddeċiedi b'vot ta' maġġoranza assoluta li jżomm Direttorat, id-Direttur ta' dan id-Direttorat għandu jkompli xogħlu taħt probazzjoni sal-ewwel laqgħa tal-Kumitat tal-Għaqdiet ta' wara l-*Planning Weekend,* fejn irid jerġa jiġi approvat mill-istess Kumitat. Fejn il-Kumitat Eżekuttiv jiddeċiedi li jżomm Direttorat, madankollu jgħaddi vot b'maġġoranza assoluta li jinnomina Direttur ieħor, id-Direttur preċedenti jiġi meħlus minn kull dritt u dmir tad-Direttorat *ipso jure.*

13.6 Fil-qadi ta'dmirijiethom hekk kif delegati mill-Uffiċjal taħt min id-Direttorati jaqgħu, id-Diretturi għandhom obbligu li jżommu dan l-istess Uffiċjal aġġornat b'kull żvilupp fix-xogħol tad-

Direttur.

13.7 Direttur għandu d-dmir jattendi l-laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv fejn jirċievi stedina mingħand l-istess Kumitat, bħala osservatur bla vot u għandu jkollu aċċess għall-Aġenda u l-Minuti tal-laqgħat kollha. L-istedini mingħand il-Kumitat Eżekuttiv ma jistgħux jagħtu preferenza lil ebda Direttur fuq ieħor, sakemm mhux abbażi ta' raġunijiet f'parametri raġonevoli li jridu jiġu kkomunikati mis-Segretarju Ġenerali lid-Diretturi kollha qabel il-laqgħa. Fejn Uffiċjal ikun skużat milli jattendi laqgħa, Direttur tiegħu jingħatalu d-dritt tal-vot *ipso jure* fuq punti tal-Aġenda li jaqgħu fil-portofil ta' dan id-Direttur. Jekk l-Uffiċjal ikollu numru ta' Direttorati, dawn kollha jingħatalhom id-dritt imsemmi f'din il-klawsola, fil-parametri msemmija.

13.8 Tul il-mandat tiegħu, Direttur għandu dmir josserva l-proviżżjonijiet kollha tal-Kodiċi ta' Etika, l-Ewwel Parti t'Anness IV, fejn il-pożizzjoni ta' Direttur hija msemmija. Direttur, sakemm mhux delegat mill-Kumitat Eżekuttiv, ma jistax jitkellem bħala rapreżentant tal-KNŻ mal-ebda persuna jew entitá, kemm interna kif ukoll esterna. Din il-projbizzjoni tgħodd ukoll għal kummenti fuq fora publiċi, mal-midja u kull skambju ta' opinjoni

ieħor.

13.9 Uffiċjal li għandu Direttorat/i taħtu għandu dmir li jirrappreżenta l-opinjonijiet tad-Diretturi tiegħu fil-voti li jittieħdu fi ħdan il-Kumitat Eżekuttiv, fejn il-voti huma relatati direttament mad-Direttorat, kemm fejn id-Direttur/i hu/huma preżenti kif ukoll fejn mhumiex. Ksur ta' dan id-dmir għandu jiġi rreġistrat fil-minuti tal-laqgħa jekk id-Direttur ikun preżenti, u fejn id-Direttur ma jkunx preżenti, dan għandu jissottometti ilment lis-Segretarju Ġenerali. Fejn Uffiċjal ma jirrappreżentax l-opinjoni tad-Direttur/i tiegħu għal tlett darbiet, dan għandu jiġi dixxiplinat mill-Bord tal-Kontroll skont klawsola 14.8.

13.10 Direttur, wara li jkun approvat mill-Kumitat tal-Għaqdiet, jieqaf mill-kariga tiegħu biss jekk;

a. sa l-ewwel Assemblea Ġenerali Annwali wara l-ħatra tagħhom

b. Jitneħħa b'vot ta' maġġoranza assoluta mill-Kumitat Eżekuttiv wara li l-Uffiċjal responsabbli mid-Direttur jissottometti talba għal dan; jew

c. Jitneħħa b'vot ta' maġġoranza assoluta mill-Kumitat Eżekuttiv jekk Membru tal-istess Kumitat, li ma jkunx l-

Uffiċjal responsabbli mid-Direttur, jissottometti talba għal dan, liema talba trid tkun ġustifikata b'raġunijiet ta';

i. Id-Direttur naqas milli jesegwixxi x-xogħol li jaqa fil-portafoll tiegħu; jew

ii. Id-Direttur, bħala delegat tal-Kunsill, aġixxa b'mod li ma jixraqx lil persuna affiljata mal-Kunsill fil-ħajja pubblika tiegħu; jew

iii. Id-Direttur kiser proviżżjoni fil-Kodiċi tal-Etika f'Anness IV; jew

iv. Għal kull raġuni oħra ta' natura simili.

d. Id-Direttur stess jibgħat ittra lis-Segretarju Ġenerali u lill-Uffiċjal responsabbli minnu bl-intenzjoni tiegħu li jirriżenja, jew jonqos milli jattendi żewġ laqgħat tal-Eżekuttiv, mingħajr ma jkun skużat, fejn ikun rekwiżit li jattendi.

e. Id-Direttur jiġi dixxiplinat mill-Bord tal-Kontrol, bid-deċiżżjoni ta' dixxiplina tkun waħda minn *c* sa *g* ta' klawsola *14.8*.

Jekk Direttur jieqaf mill-kariga tiegħu għar-raġunijiet *a* jew *b*, il-Kumitat Eżekuttiv għandu fi żmien ħmistax il-ġurnata jinforma lil

għaqdiet membri b'dan u bin-nomina ta' Direttur sostitwenti. Dan id-direttur għandu jaħdem taħt probazzjoni sal-ewwel laqgħa tal-Kumitat tal-Għaqdiet li jkun imiss, fejn l-istess proċedura msemmija fi klawsola *13.4* topera. Jekk Direttur jieqaf mill-kariga tiegħu minħabba raġuni *c* jew *d*, il-Kumitat Eżekuttiv b'vot ta' maġġoranza assoluta għandu jaħtar Direttur sostitwenti sabiex jokkupa l-irwol sat-tmiem it-terminu oriġinali tad-Direttorat, filwaqt li s-Segretarju Ġenerali għandu jinforma lill-għaqdiet membri b'dan it-tibdil malli jsir. F'dan il-każ, jekk 40% tal-Membri Sħaħ jissottomettu talba għall-vot fuq id-Direttur sostitwenti, din għandha tingħata fil-laqgħa tal-Kumitat tal-Għaqdiet li jkun imiss.

13.11 Il-Kumitat Eżekuttiv għandu l-jedd jistabbilixxi dawk il-Kummissjonijiet, Kumitati u Sotto-Kumitati li jidhirlu xierqa, kemm permanenti kif ukoll temporanji u jiddeċiedi t-termini tagħhom.

13.12 Kull Kummissjoni, Kumitat jew Sotto-Kumitat għandu jkollu tal-anqas membru tal-Kumitat Eżekuttiv li jkun fid-dmir jirrapporta l-ħidma tagħha fl-istrutturi tal-KNŻ. Dan id-dmir ma jistax jiġi delegat lill-ebda Direttorat.

13.13 Kull proposta ta’ kull Kummissjoni, Kumitat jew Sotto-Kumitat għandha tgħaddi għand il-Kumitat Eżekuttiv għal deċiżjoni finali.

13.14 Il-President, Viċi President u s-Segretarju Ġenerali huma ex-officio membri ta’ kull Kummissjoni, Kumitat jew Sotto-kumitat.

## Artikolu 14 – Bord tal-Kontroll

14.1 Għandu jkun hemm Bord tal-Kontroll imwaqqfa mill-Assemblea Ġenerali bil-għan li:

a. iwettaq awditjar intern fuq il-finanzi u l-operat tal-Kunsill;

b. jiddeċiedi dwar kull materja ta’ dixxiplina mressqa quddiemu mill-istrutturi tal-KNŻ;

c. jassumi tmexxija tal-KNŻ f’każijiet straordinarji, kif u jekk mitlub mill-Assemblea Ġenerali;

d. jara li dan l-istatut jiġi osservat u meta jintalab jew iħoss il-ħtieġa, jagħti l-interpretazzjoni tiegħu;

e. jissanzjona membri li jiksru l-provedimenti ta’ dan l-Istatut u/jew il-ġid u l-interess tal-KNŻ;

f. iħejji emendi għall-istatut u jkun inkarigat bit-tfassil tiegħu;

g. jaqdi dawk il-funzjonijiet fdati lilu fuq bażi *ad hoc* meta hu l-każ.

14.2 Il-Bord tal-Kontroll għandu jkun kompost minn Chairperson u żewġ membri oħra, flimkien ma' membru supplenti, lkoll maħtura mill-Assemblea Ġenerali b'nominazjonijiet dak il-ħin flimkien ma preżentazzjoni ta' resume' tal-persuna. Issir elezzjoni *ad hoc* fejn l-aktar kandidat li jġib voti jinħatar Chairperson u l-kandidat bl-inqas jsir ir-riserva. Jekk ikun hemm xi vakanza jew xi membru jabbanduna l-ħidma tal-Bord, dan għandu jiġi sostitwit mill-membru supplenti u jinħatar membru supplenti ieħor mill-Kumitat tal-Għaqdiet.

14.3 L-ebda membru tal-Bord tal-Kontroll ma jista' jkun membru tal-Kumitat Ezekuttiv jew Direttur, madankollu il-membri għandhom jintagħżlu abbażi tal-esperjenza tagħhom fl-operat tal-KNZ u/jew għarfien legali u/jew finanzjarju sabiex iwettqu bl-aħjar mod l-objettivi f'dan il-Kapitolu.

14.4 Il-membru supplenti għandu d-dmir li jattendi l-laqgħat kollha tal-Bord tal-Kontroll u jagħti l-parir tiegħu kull fejn dan huwa meħtieġ minnu. Dan il-membru m'għandux ikollu vot fil-Bord tal-Kontroll sakemm ma jkunx hemm membru assenti għal-laqgħa

jew il-post ikun vakanti, jew ikun hemm kunflitt ta' interess min-naħa ta' membru tal-Bord tal-Kontrol, jew fejn il-membri tal-Bord jaqblu li għandu jingħatalu vot waqt dik il-laqgħa partikolari.

14.5 M'għandu jkun hemm fl-ebda ħin aktar minn tlett voti fil-Bord tal-Kontroll.

14.6 Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jipprovdi dawk il-faċilitajiet li l-Bord jkollu bżonn sabiex iwettaq il-ħidma tiegħu u f'każ li l-Bord ma jkunx qiegħed tiffunzjona għandu jsejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja sabiex tinħatar il-Bord tal-Kontroll ġdid.

14.7 Il-Bord tal-Kontroll għandu d-dmir li żżomm kuntatt regolari mal-Kumitat Eżekuttiv. Iċ-Chairman tal-Bord għandu jiltaqa' tal-anqas darba kull sitt xhur mal-Kumitat Eżekuttiv.

14.8 Il-Bord tal-Kontroll jista' jieħu passi kontra membri li jiksru r-regolamenti billi;

a. iwissi bil-miktub lill-membru;

b. jiċċensura l-operat tal-membru;

c. jissospendi lill-membru mill-istruttura għal żmien definit;

d. jissospendi lill-membru mill-istruttura għal żmien indefinit;

e. ineħħi lill-membru mill-kariga;

f. ikeċċi lill-membru mill-KNŻ;

g. jirreferi l-każ lill-Pulizija.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, 'membru' tirreferi kemm għall-individwi membri fi kwalunkwe struttura tal-KNŻ, kif ukoll referenza għal għaqdiet Membri, Sħaħ, Reġjonali jew Assoċjati.

14.9 Sanzjoni meħuda mill-Bord tal-Kontroll għandha tiġi mplimentata mill-Kumitat Eżekuttiv, iżda tista' tiġi appellatta quddiem l-Assemblea Ġenerali.

14.10 Il-Bord tal-Kontroll għandu jiltaqa' darba kull tlett xhur u kull meta jkun ħemm bżonn, u għandu jżomm minuti ta' dawn il-laqgħat, li jintbgħatu lill-President tal-KNŻ.

## Artikolu 15 – Kummissjoni Elettorali

15.1 Għandu jkun hemm Kummissjoni Elettorali maħtura mill-Assemblea Ġenerali bil-għan li:

a. taqdi l-funzjonijiet u tniedi l-proċess elettorali;

b. tħejji l-preparamenti meħtieġa għall-elezzjonijiet imminenti;

c. tara li l-elezzjoni tkun waħda ġusta u trasparenti;

d. tikkomunika pubblikament ir-riżultat tal-elezzjoni lill-membri.

15.2 Il-Kummissjoni Elettorali għandha tkun magħmula minn *Chairperson* u żewġ membri oħra, flimkien ma' membru supplenti, ilkoll maħtura mill-Assemblea Ġenerali. Jekk ikun hemm xi vakanza jew xi membru jabbanduna l-ħidma tal-Kummissjoni, dan għandu jiġi sostitwit mill-membru supplenti u jinħatar membru supplenti ieħor mill-Kumitat tal-Għaqdiet.

15.3 L-ebda membru tal-Kummissjoni ma jista' jkun membru tal-Kumitat Eżekuttiv jew Bord tal-Kontroll, jew inkella jkun Direttur.

15.4 Il-membru supplenti għandu d-dmir li jattendi l-laqgħat kollha tal-Kummissjoni Elettorali u jagħti l-parir tiegħu kull fejn dan huwa meħtieġ minnu. Dan il-membru m'għandux ikollu vot fil-Kummissjoni Elettorali sakemm ma jkunx hemm membru assenti għal-laqgħa jew il-post ikun vakanti, jew ikun hemm kunflitt ta' interess min-naħa ta' membru tal-Kummisjoni, jew fejn il-membri

tal-istess Kummissjoni jaqblu li għandu jingħatalu vot waqt dik il-laqgħa partikolari.

15.5 M'għandu jkun hemm fl-ebda ħin aktar minn tlett voti fil-Kumissjoni Elettorali.

15.6 Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jipprovdi dawk il-faċilitajiet li l-Kummissjoni jkollha bżonn sabiex twettaq il-ħidma tagħha u f'każ li l-Kummissjoni ma tkunx qiegħda tiffunzjona għandha tissejjaħ Assemblea Ġenerali Straordinarja sabiex tinħatar Kummissjoni ġdida.

## Artikolu 16 – Dispożizzjonijiet Ġenerali

16.1 Mingħajr preġudizzju għal dak provdut f'dan l-Istatut, il-kworum għal-laqgħat tal-istrutturi tal-KNŻ huwa ta' nofs il-membri u wieħed, b'dan illi jekk sa nofs siegħa wara l-ħin tal-laqgħa ma jkunx intlaħaq il-kworum, il-membri preżenti jikkostitwixxu kworum bejniethom.

16.2 Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Istatut, kull deċiżjoni li tittieħed fl-istrutturi tal-KNŻ tittieħed b'maġġoranza sempliċi.

16.3 Ir-rappreżentanti tal-għaqdiet Membri Sħaħ u Assoċjati fl-istrutturi tal-KNŻ għandhom ikunu persuni li jkunu għalqu l-ħmistax-il sena u li ma jkunux għalqu l-ħamsa u tletin sena.

16.4 Kull min ikun qiegħed jippresjedi xi organu, Kummissjoni, Kumitat jew Sotto-Kumitat tal-KNŻ għandu d-dritt jeżerċita l-vot tiegħu għat-tieni darba f'każ ta' parità ta' voti.

16.5 Kull organu, Kummissjoni, Kumitat jew Sotto-Kumitat tal-KNŻ għandu d-dritt jirregola l-proċedura tiegħu. Għall-finijiet ta' din il-klawsola biss, id-Direttorati mhumiex organu.

16.6 Ir-rappreżentanza legali u ġuridika tal-KNŻ hi fdata f'idejn il-President u/jew il-Viċi President u/jew is-Segretarju Ġenerali. L-Uffiċjal Finanzjarju jitqies ukoll responsabli f'każ li tkun kwistjoni ta' natura finanzjarja, fejn dan għandu dejjem ikun firmatarju flimkien mal-President u/jew is-Segretarju Ġenerali. Kull transazzjoni magħmula bl-użu ta' faċilitajiet bankarji teħtieġ l-approvazzjoni ta' żewġ firmatarji; bl-Uffiċjal Finanzjarju dejjem ikun wieħed minn dawn il-firmatarji responsabbli bl-approvazzjoni.

16.7 F'każ ta' xoljiment tal-KNŻ, l-assi li jibqgħu għandhom imorru

għand għaqda bl-istess għan li tiġi magħżula mill-membri, ma danna kollu din l-għaqda trid tkun reġistrata bħala Għaqda Volontarja mil-Kummissarju għal-Għaqdiet volontarji skont il-liġiiet ta' Malta.

16.8 Is-sena finanzjarja tal-KNŻ tibda l-ewwel ġurnata ta' Jannar (1 ta' Jannar) u tispiċċa fl-aħħar ġurnata ta' Diċembru (31 ta' Diċembru).

16.9 L-użu tal-pronom 'huma' għandu jiġi użat bħala l-pronom *de facto* fid-dikjarazzjonijiet u publikazzjoniiet tal-Kunsill sakemm ma jkunx speċifikament meħtieġ pronum b'ġeneru.

16.10 Għandu jinżamm reġistru, f'forma ta' dokument uffiċjali u mhux neċessarjament parti mill-Istatut, li speċifikament jidentifika l-ismijiet tal-Għaqdiet kollha Sħaħ, Osservaturi u dawk Affiljati. Dan id-dokument għandu jiġi kkontrollat u amendat biss mill-Bord tal-Kontroll

## Artikolu 17 – Emendi għall-iStatut

17.1 Dan l-istatut jista' jiġi emendat biss minn xi Assemblea Ġenerali b'maġġoranza ta' żewġ terzi, għajr għal żbalji ortografiċi. Dawn

tal-aħħar jistgħu jiġu kkoreġuti mill-Bord tal-Kontroll, b’avviż lil Kumitat Eżekuttiv u l-għaqdiet imsieħba fi żmien ġimagħtejn tat-tibdiliet.

# Anness I

Dikjarazzjoni dwar l-istat ta' għaqda msieħba fil-KNŻ skont il-klawsola 6.8 ta' l-Istatut tal-KNŻ.

**<u>Dettalji tal-Għaqda:</u>**

Isem tal-Għaqda:

Isem il-President:

Isem is-Segretarju Ġenerali:

Data ta' l-aħħar Laqgħa Ġenerali:

Numru ta' Membri bejn l-15 u l-35 sena:

Numru totali ta'Membri:

Isem ta' l-Affiljazzjoni Internazzjonali:

Indirizzgħall-Korrispondenza:

Indirizz tal-*Website* ta' l-Għaqda:

Indirizz ta' l-*E-mail* ta' l-Għaqda:

Dettalji tal-Persuna Responsabbli mill-KNŻ:

Isem tal-Persuna:

Indirizz Postali:

Indirizz ta' l-*E-mail* professjonali:

Numru tal-Mobile:

Att dwar il-Privatezza tad-Data (Kapitlu 440 tal-Liġijiet ta' Malta):

*Il-KNZ jipproċessa d-data dwar il-persuna responsabbli mill-KNŻ sabiex ikun jista' jissodisfar-rekwiżitimill-iStatuttal-KNŻkifukollsabiexikunjista'jżommkunt att b'saħħtu ma' l-Għaqdiet Membri. Dinid-datatkunipproċessatamis-Segretarju Ġenerali, mis-Segretarju Eżekuttivjew mis-Segretarju Amministrattiv tal-KNŻ skont il-bżonn ta' l- ipproċessar. Fejn persuna tonqosmillitagħtid-datameħtieġa, dintkunqedixxekkelir-relazzjonita' bejnil-KNŻ u l-Għaqda. Il-persuna responsabbli mill-KNŻ għandha d-dritt li titlob sabiex tkun taf x'tip ta' datail-KNŻgħandudwardinil-persunaujitlobxikorrezzjonijietjewtħassirta' data li ma tkunx relevanti għall-iskop li għalih din tkun inġabret.*

## Dikjarazzjonijiet:

1. Niddikjara li l-informazzjoni mogħtija hawn fuq hija korretta. 2. Niddikjara li jekk din il-formola, flimkien mad-dokumenti meħtieġa, ma tasalx għand is-Segretarju Ġenerali tal-KNŻ sa ġimagħtejn qabel l-Assemblea Ġenerali Straordinarja, id-drittijiet tal-voti ta' l-Għaqda jistgħu jiġusospiżi. 3. Niddikjara li l-persuna responsabbli mill-KNŻ qed tagħti volontarjament il- kunsens tagħha, wara li qrat u fehmet id-dispożizzjonijiet dwar l-Att dwar il- Protezzjoni tad-Data.

*President* *Data*

# Anness II

## Regolament ta’ Proċedura

Assemblea Ġenerali Ordinarja:

1 L-avviż tal-Assemblea Ġenerali għandu jintbagħat lill-għaqdiet membri mhux anqas minn xahar qabel id-data tagħha. Il-Kumitat Eżekuttiv b’mod ġenerali u s-Segretarju Ġenerali b’mod partikulari huma responsabbli mis-sejħa, mill-preparamenti u l-proċeduri għas-seduti ta’ l-Assemblea Ġenerali.

2 Il-Kworum sabiex is-seduta tal-Assemblea Ġenerali tkun tista’ tibda għandu jkun ta’ nofs il-Membri Sħaħ u wieħed. Jekk il-kworum ma jintlaħaqx, is-seduta għandha tibda’ xorta waħda u tiddelibera validament nofs siegħa wara l-ħin imħabbar.

3 L-Aġenda tal-Assemblea Ġenerali għandha tkun formulata kif ġej:

a. Sejħa għall-membri preżenti;

b. Ħatra ta’ Chairperson;

c. Approvazzjoni tal-istat tal-membri u l-ammont ta’ voti;

d. Qari u approvazzjoni tal-Minuti tal-Assemblea Ġenerali Annwali preċedenti;

e. Qari, diskussjoni u approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv tas-Segretarju Ġenerali;

f. Qari, diskussjoni u approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju;

g. Preżentazzjoni tar-rapport tal-ħidma tal-Bord tal-Kontroll miċ-Chairperson tiegħu.

h. Preżentazzjoni tal-kandidatura, tal-kandidati kollha għal-Eżekkuttiv tal-KNŻ.

i. Preżentazzjoni tal-kandidatura, tal-kandidati kollha għal-Bord tal-Kontroll.

j. Ftuħ tal-elezzjonijiet għall-membri tal-Kumitat Eżekuttiv, jekk ikun hemm il-ħtieġa;

k. Deċiżjoni dwar sħubija;

l. Mozzjonijiet;

m. Ħatra tal-Awdituri

n. Tħabbir tar-riżultat tal-elezzjoni tal-membri tal-Kumitat Eżekuttiv.

4 Il-proċedura ta' votazzjoni hija waħda ta' maġġoranza sempliċi; salv għall-provvedimenti speċifiċi oħra f'dan l-Istatut.

Proċess ta' votazzjoni waqt l-Assemblea Ġenerali Annwali:

1 Il-votazzjoni hija waħda aperta jew waħda sigrieta. Kull Membru Sħiħ jista' jitlob li l-votazzjoni ssir b'mod sigriet. Dan għandu jsir qabel ma jitqassmu l-kupuni tal-vot. Jekk ma ssirx talba f'dan is-sens, il-votazzjoni hija meqjusa bħala waħda aperta.

2 Kull Membru Sħiħ tal-KNŻ għandu dritt għall-vot wieħed fl-Assemblea, kull għaqda tista' tivvota permezz tal-membru tal-għaqda li jkollu il-kupun tal-vot. F'każ ta' vot fuq il-kandidati għall-Kumitat Eżekuttiv, vot wieħed għandu jitqies bħala wieħed li jikkonsisti f'lista ta' kandidati preferuti mit-tali Membru Sħiħ, bil-limitu ta' dawn il-preferenzi jirrifletti n-numru massimu ta' pożizzjonijiet disponibbli fil-Kumitat Eżekuttiv. Vot ta' dan it-tip jiġi kkunsidrat invalidu jekk isem kandidat jiġi ripetut.

3 Kull għaqda rregistrata għall-vot għandha tingħata kupun tal-vot u dan għandu jitqies bħala d-dokument tal-vot.

4 F'każ meta il-votazzjoni tkun waħda sigrieta, kull persuna li jkollha d-dritt tal-vot għandha tingħata dokument tal-vot hekk kif ikun ippreżentat il-kupun tal-vot lill-Kummissjoni Elettorali.

5 Waqt il-votazzjoni tal-membri, il-kandidati li jġibu l-akbar ammont

ta’ voti għall-postijiet vakanti għandhom jiġu dikjarati eletti. F’każ li jkun hemm parita bejn il-kandidati għall-aħħar post vakanti għandha terġa tinfetaħ elezzjoni bejn il-membri li jkunu ġabu din il-parita.

6 Ir-riżultat ta’ kull elezzjoni jew *co-option* għandu jintbagħat immedjatament lill-għaqdiet kollha msieħba.

7 F’każ ta’ votazzjoni, il-voti għandhom jingħaddu immedjatament meta tintemm.

8 Kull għaqda membru tal-Kunsill tista’ tappella minn nomini u mir-riżultat ta’ kwalunkwe elezzjoni għall-membri. Din tista’ tagħmlu billi tikteb lill-Bord tal-Kontroll u tinfurmah bit-talba u bir-raġunijiet tagħha. Il-Bord tal-Kontroll jiddeċiedi dwar din it-talba kemm jista’ jkun malajr, f’ċirkostanzi normali fi żmien ġimgħa minn meta jirċievi t-talba, u jgħarraf lill-Kumitat Eżekuttiv u lill-għaqdiet membri kollha bit-talba u bid-deċiżjoni. Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Kontroll f’dan l-istadju tkun finali.

# Anness III

## Attivitajiet Annwali tal-KNŻ

1 Jum Nazzjonali taż-Żgħażagħ:

Din l-attivita’ għandha ssir l-aktar vicin tal-Jum Nazzjonali taż-Żgħażagħ possibli. Din l-attivita’ tista’ tiġi organizzata flimkien ma’ entitajiet oħra.

2 Il-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ:

Din hija attivita’ edukattiva li tgħin biex issaħħaħ it-tagħlim dwar is-sistemi Parlamentari u Demokratiċi, filwaqt li tgħin liż-żgħażagħ biex iwettqu il-prattika taċ-ċittadinanza parteċipattiva fejn iż-żgħażagħ jiddiskutu aspetti soċjali u aspetti politiċi li jikkonċernaw liż-żgħażagħ stess u flimkien jiktbu u jippreżentaw resoluzzjoni waqt seduta parlamentari. Iż-żgħażagħ li jipparteċipaw f’din l-attivita’ jkunu maqsuma f’diversi gruppi. Bħala tħejjija għas-seduta tal-Parlament taż-Żgħażagħ tiġi organiżżata ‘*Weekend Live-in*’ sabiex il-parteċipanti jsiru jafu lil xulxin u jitgħallmu fuq kif jaħdem il-Parlament. Isir ukoll seminar biex jiġu preżentati diversi pożizzjonijiet. F’dawn l-attivitajiet preparatorji l-parteċipanti ikollhom l-opportunita’ li jiddiskutu l-ideat tagħhom u jisimgħu l-

esperjenzi ta’ ħaddieħor.

3 Planning Weekend

Darba fis-sena il-Kumitat Eżekuttiv għandu jiltaqa’ fuq medda ta’ jumejn sabiex jiddiskuti il-pjan ta’ ħidma għas-sena ġejjiena. Għandhom jsiru ukoll attivitajiet ta’ team building waqt dan il-weekend.

Dan il-*Planning Weekend* għandu jsir sa mhux iktar min tlett xhur wara l-Assemblea Ġenerali.

# Anness IV

## Kodiċi tal-Etika u Mġieba

Dan il-Kodiċi jiddefinixxi u jagħti gwida ta' x'inhu mistenni mill-imġieba ta' dawn li ġejjin:

1. **L-ewwel Parti -** regoli ta' etika li japplikaw għall-membri tal-Eżekuttiv tal-KNŻ u d-Diretturi.
2. **It-tieni Parti -** regoli ta' etika li japplikaw għall-kandidati tal-membri tal-Eżekuttiv tal-KNŻ.
3. **It-tielet Parti -** regoli ta' etika li japplikaw għall-membri tal-Bord tal-Kontroll.
4. **Ir-raba' Parti -** dan il-kodiċi – regoli anċillari

# L-EWWEL PARTI

## REGOLI TA' ETIKA LI JAPPLIKAW GĦALL-MEMBRI TAL-EŻEKUTTIV U DIRETTURI TAL-KNZ

### 1 Ġenerali

1.1 Kull Membru tal-Eżekuttiv u Direttur tal-KNŻ għandu f'kull ħin u waqt jaġixxi bħala tali, bl-għan li l-ewwel u qabel kollox il-Membri Sħaħ u Assoċjati jiksbu fiduċja kontinwa fil-KNŻ bħala kunsill rappreżentattiv u inklussiv kif ukoll bl-għan li jiżgura fiduċja fih, u rispett lejn, l-Eżekuttiv stess bħala organu amministrattiv, eżekuttiv u rapprezentattiv.

### 2 Professjonalita'

2.1 Kull Membru tal-Eżekuttiv u Direttur għandu dejjem jagixxi b'mod risponsabbli bl-għan li jfittex u jikseb dak kollu li huwa fl-interess tal-KNŻ u tal-Membri Sħaħ u Assoċjati tiegħu u mhux dak li huwa fl-interess personali tal-istess Membru; (jew tal-għaqda tieghu)

2.2 Kull Membru tal-Eżekuttiv għandu dejjem jaħseb, jaġixxi u jitkellem b'mod professjonali sabiex jaċċerta illi huwa jibqa, u juri illi huwa, rappreżentant tal-Membri kollha tal-KNŻ u allura

trasparenti u mhux diskriminatorju;

2.3 Kull Membru tal-Eżekuttiv u Direttur għandu jkun responssabbli u kontabbli għall-aġir kollu tiegħu, inkluż dak li jagħmel jew li ma jagħmilx, kif ukoll f'dak li jgħid, kemm fil-laqgħat tal-KNŻ, kif ukoll fil-pubbliku; (Social Media, etc)

2.4 Kull Membru tal-Eżekuttiv u Direttur għandu jwettaq id-dmirijiet kollha tiegħu (speċjalment dawk Eżekuttivi stess) b'mod responsabbli, effiċjenti u trasparenti, filwaqt illi għandu dejjem jikkonsulta, u/jew fejn hemm bżonn ifittex il-kunsens u/jew il-permess, tal-Eżekuttiv qabel ma jaġixxi jew jitkellem b'mod illi jista jkun hemm effetti jew konsegwenzi ta' importanza fuq il-KNŻ u l-għanijiet tal-KNŻ; b'dan illi fl-istess waqt kull Membru tal-Eżekuttiv u Direttur għandu jkun prattiku, effiċjenti u bilanċjat fil-ġudizzju, fl-aġir u fi kliemu;

2.5 Kull Membru tal-Eżekuttiv għandu jagħhmel mezz illi sa fejn huwa possibbli jattendi kull laqgħa u/jew attivita organizzata mill-KNŻ u jew l-organi tagħha u għandu sa fejn huwa possibli joffri u jagħti l-kontribut u l-għajnujna tiegħu waqt:

i. il-preparazzjoni

ii. l-eżekuzzjoni kif ukoll

iii. l-għeluq ta' dawn il-laqgħat u attivatijiet;

2.6 Kull Membru tal-Eżekuttiv u Direttur għandu jfittex illi jaħtaf kull opportunita' li tiġih sabiex iwassal u jippromwovi l-Għanijiet tal-KNŻ lill-membri tagħha u lill-pubbliku inġenerali;

2.7 Kull Membru tal-Eżekuttiv u Direttur għandu jfittex illi jaġġorna, jippromwovi u jimplementa kull Policy tal-KNŻ u li jżomm ruħu aġġornat ma dik il-Policy;

2.8 Kull Membru tal-Eżekuttiv għandu jaġixxi u jitkellem f'isem il-KNŻ b'mod diliġenti u jrid ikun risponsabbli fil-mod kif juża, jimplementa jew jagħmel negozju mill-assi u r-riżorsi kollha tal-KNŻ u għandu jara u jiżgura illi ebda minn dawn jiġu abbużati, moħlijin, miżapproprijati jew saħansitra użati għall-skopijiet li jikkontradixxu l-għanijiet tal-KNŻ jew li huma immorali jew illegali;

2.9 Kull Membru tal-Eżekuttiv għandu, sa fejn hu raġjonevolment possibbli, li jfittex, jipproteġi u jimplementa d-demokrazija f'dak kollu li jagħmel u jgħid, kif ukoll f'dak li jagħmel il-KNŻ.

2.10 Kull Membru tal-Eżekuttiv u Direttur għandu jaġixxi u jimxi skont il-Kostituzzjoni u l-liġijiet ta' Malta (inkluzi dawk tal-Unjoni Ewropeja illi għandhom effett dirett jew indirett f'Malta) filwaqt li huwa wkoll id-dmir tal-Membru tal-Eżekuttiv illi jaġixxi u jieħu azzjoni b'mod legali jekk xi wieħed mil-liġijiet jikkontradixxu jew jivvjolaw l-għanijiet tal-KNŻ u/jew id-drittijiet tal-Membri tal-KNŻ;

2.11 Kull Membru tal-Eżekuttiv għandu jfittex u jiżgura illi huwa personali jkun u jibqa, sa fejn hu possibli u prattiku, aċċessibbli, speċjalment għall-Membri tal-Eżekuttiv u l-Membri tal-KNŻ iżda wkoll għall-pubbliku ġenerali u dan b'kull mezz modern sa fejn hu raġjonevolment sostennibli;

2.12 Kull Direttur għandu jfittex u jiżgura illi huwa personali jkun u jibqa, sa fejn hu possibli u prattiku, aċċessibbli, għall-Membri tal-Eżekuttiv u speċjalment għall-Uffiċjal responsabbli minnu u dan b'kull mezz modern sa fejn hu raġjonevolment sostennibli;

2.13 Kull Membru tal-Eżekuttiv u Direttur għandu jfittex illi jżomm ruħu aġġornat ma u jaġixxi skont din il-Kodiċi ta' Etika;

## 3 Lealta', Integrita u Rispett

3.1 Kull Membru tal-Eżekuttiv u Direttur għandu jkun leali u juri rispett lejn l-Istatut tal-Kunsill, lejn l-Assemblea Ġenerali, kif ukoll l-Eżekuttiv stess, il-Kumitati tal- KNŻ u l-Bord tal-Kontroll u għandu jaġixxi skont id-deċiżjonijiet tal-istess;

3.2 Kull Membru tal-Eżekuttiv u Direttur għandu jkun leali u juri rispett lejn il-Membri Sħaħ u Assoċjati tal-KNŻ;

3.3 Kull Membru tal-Eżekuttiv u Direttur għandu jkun leali u juri rispett lejn l-Membri l-oħra tal-Eżekuttiv, lejn id-Diretturi l-oħra u lejn il-membri tal-Kumitati tal-KNŻ;

3.4 Kull Membru tal-Eżekuttiv u Direttur għandu juri rispett lejn l-awtoritajiet u fejn hemm opportunita' juri l-maturita u risponsabbilta' fid-djalogu, konsultazzjoni u kooperazzjoini mal-awtoritajiet;

3.5 Kull Membru tal-Eżekuttiv u Direttur għandu juri rispett lejn l-awtoritajiet governattivi, eżekuttivi u ġudizjarji f'Malta, kif ukoll lejn organizazzjonijiet studenteski, filantropiċi, reliġjużi, politiċi u oħrajn; u fejn hemm opportunita' juri l-maturita' u risponsabbilta' fid-djalogu, konsultazzjoni u kooperazzjoini mal-istess;

## 4 **Kunfidenzjalita'**

4.1 Kull Membru tal-Eżekuttiv u Direttur għandu l-obbligu ta' kunfidenzjalita' u tas-sigriet professjonali, fis-sens illi m'għandux joħroġ fil-pubbliku, jikkopja, jippubblika, jiddistribwixxi, jikkanċella, u/jew jagħti aċċess lill-terzi persuni kwalunkwe informazzjoni illi huwa jaf li hi, jew li kellu xi ħjiel illi setgħet kienet, kunfidenzjali;

4.2 Informazzjoni Kunfidenzjali jew sigrieta tinkludi fost affarijiet oħrajn;

i. Opinjonijiet personali tal-membri tal-KNŻ li jkunu ntqalu fil-laqgħa tal-KNŻ jew f'xi laqgħa oħra li ssoltu ma tkunx waħda pubblika;

ii. Aġendi u Minuti ta` Laqgħat;

iii. Informazzjoni u Data tal-finanzi tal-KNŻ, inklużi l-Baġit, pjanijiet u/jew estimi;

iv. Informazzjoni li tingħata lilu jew lill-KNŻ mill-Membri tal-KNŻ, speċjalment jekk din l- informazzjoni għandha x'taqsam mal-ħajja personali tal-individwu li ta l-

informazzjoni;

v. Informazzjoni, dokumenti kif ukoll kuntratti dwar trattativi, transazzjonijiet, arranġamenti u/jew ftehim ma entitajiet oħra;

4.3 Informazzjoni Kunfidenzjali tinkludi wkoll informazzjoni f'kull forma, kemm fiżika, kif ukoll elettronika, u f'dan is-sens, kopja, distribuzzjoni jew pubblikazzjoni tinkludi l-istess b'kull mezz fiżiku, elettroniku, kif ukoll bil-fomm;

4.4 Dawn l-obbligi, fuq imsemmija, jistgħu ma jibqgħux japplikaw biss f'każijiet partikolari u biss fl-ambitu ta' dawn il-każijiet fejn;

i. L-informazzjoni kienet diġa nħarġet fil-pubbliku mingħajr l-indħil, tort jew negliġenza tal-istess Membru tal-Eżekuttiv (Diretturi ma jistgħux jagħmlu użu minn dan);

ii. Hemm il-permess tal-Eżekuttiv tal-KNŻ;

iii. Hemm ordni mill-Qorti ta' Malta (jew xi tribunal jew organu simili) illi għandha poter skont il-liġi illi ssaqsi għal din l-informazzjoni;

iv. Il-permess tal-individwu f'dawk il-każijiet fejn l-

informazzjoni ingħatat lilu jew lill-KNŻ minn l-istess indiviwu u li għandha x'taqsam mal-ħajja akkademika u jew personali tal-istess Individwu;

## 5 Kontabilita' u Dedikazzjoni

5.1 Kull Membru tal-Eżekuttiv u Direttur huwa personalment kontabbli għal dak kollu illi huwa jgħid, jikteb u jagħmel ghall-KNŻ u f'isem il-KNŻ u għalhekk għandu jiddokumenta dak kollu illi jirrigwarda l-agir tieghu fil-KNŻ u għandu jkun lest jipprezenta b'mod apert ghal skrutinju mill-Assemblea Ġenerali u jekk ikun hemm bzonn minn xi awditur independenti jekk hekk ikun mixtieq mill-Assemblea Ġenerali;

5.2 Jekk Membru tal-Eżekuttiv jew Direttur ikollu juża d-diskrezzjoni tiegħu dan ma jnaqqas xejn mid-dmir u l-obbligu tieghu illi jaġixxi skont l-Istatut u dan il-Kodiċi ta' Etika u għalhekk jibqa dejjem risponsabbli u *accountable* għall-mod ta' kif juża dik id-diskrezzjoni;

5.3 Kull Membru tal-Eżekuttiv u Direttur għandu jfittex li jpoġġi d-dmirijiet u responsabbilitajiet tiegħu bħala Membru tal-Eżekuttiv jew Direttur bħala prijorita f'dak kollu li jagħmel;

5.4 Kull Membru tal-Eżekuttiv u Direttur għandu jagixxi bħala ezemplari mal-Membri tal-KNŻ u maż-żgħażagħ b' mod ġenerali

## 6 Dikjarazzjoni ta' Kunflitt ta' Interess

6.1 Kull Membru tal-Eżekuttiv u Direttur għandu jirrispetta u jipproteġi l-awtonomija u n-natura indipendenti tal-KNŻ u m'għandux iħalli l-interessi jew l-aġendi tiegħu personali jew ta' persuni jew entitajiet terzi jieħdu prijorita' fuq dawk tal-KNŻ u tal-Membri Sħaħ u Assoċjati;

6.2 Kull Membru tal- Eżekuttiv u Direttur għandu jiddikjara l-interessi personali tiegħu fejn hemm jew jista jkun hemm xi kunflitt personali, akkademiku, kummerċjali, legali jew statutorju mal- KNŻ, mal-għanijiet tal-KNŻ u/jew mal-ħidma tiegħu fil-KNŻ;

6.3 Fejn hemm xi kunflitt jew jista jkun hemm kunflitt, il-Membru tal-Eżekuttiv jew Direttur għandu jara kif bl-aħjar mod possibbli jimmitiga l-kunflitt u fejn dan ma jkunx possibbli għandu f'kull każ jirrispetta deċiżjoni tal-Eżekuttiv tal-KNŻ u tal-Bord tal-Kontroll (skont l-Istatut) fir-rigward tal-Kunflitt;

6.4 Fejn f'laqgħa jkun qiegħed jiġi diskuss kunflitt ta' interess u/jew potenzjal ta' kunflitt u/jew materja li dwaru jkun hemm il-kunflitt jew il-potenzjal ta'kunflitt, il-Membru tal-Eżekuttiv jew Direttur illi għandu dak il-Kunflitt (jew potenzjal ta' Kunflitt) għandu jingħata ħin biex jispjega l-pożizzjoni tiegħu u għandu, fejn ser jittiehed vot li għandu x'jaqsam ma, jew li jirrigwarda dak il-kunflitt, jitlob illi jigi skużat sabiex il-laqgħa jew diskussjoni titkompla mingħajr dak l-istess Membru jew Direttur sakemm f'dik l-istess laqgħa u/jew diskussjoni ma jibqax ikun hemm kunflitt; dan illi, l-Eżekuttiv jista jiddeciedi mod iehor u jħalli lill-Membru jew Direttur jippartecipa fil-laqgħa, diskussjoni jew fil-vot.

6.5 Dan kollu mingħajr preġudizzju għal dak imsemmi f'dan ir-rigward fl-Istatut tal-KNŻ.

## 7 Obbligi oħrajn

7.1 Kull Membru tal-Eżekuttiv u Direttur għandu jevita għal kollox aġir abbużiv, traskuraġni u negliġenza u dak kollu li huwa inkompatibbli mal-għanijiet tal-KNŻ u għandu dejjem iżomm id-dekor u dinjita' sabiex ma jnaqqas qatt il-fiduċja tal-Membri tal-

KNŻ jew tal-pubbliku fil-KNŻ.

7.2 Kull Membru tal-Eżekuttiv u Direttur jekk delegat għandu jara li jirrapreżenta lill-KNŻ b'mod dinjituż u qatt ma għandu jgħid jew jikteb kliem dispreġattiv kontra xi Membru ieħor tal-Eżekuttiv jew xi Membru tal-KNŻ;

7.3 Kull Membru tal-Eżekuttiv u Direttur għandu jirispetta l-opinjonijiet ta' dawk ta' madwaru u fejn ma jaqbilx ma għandu qatt jipprova jirridikola jew iwaqqa għaċ-ċajt lill-oħrajn;

7.4 Ebda Membru tal-Eżekuttiv jew Direttur m'għandu jaċċetta rigali ta' kwalunkwe xorta illi huwa jircievi bħala Membru tal-Eżekuttiv jew Direttur jew xi tip ieħor ta' rimunerazzjoni jew pagament illi jista jkun ta' xkiel tar-risponsabbiltajiet tal-Membru tal- Eżekuttiv jew Direttorat jew li jistgħu jservu ta' indħil jew xkiel għall-awtonomija, korrettezza u/jew r-rappreżentanza trasparenti tal-KNŻ;

## IT-TIENI PARTI

## REGOLI TA’ ETIKA LI JAPPLIKAW GĦALL-KANDIDATI TAL- MEMBRI TAL-EŻEKUTTIV

1 Kull Kandidat (jew grupp ta’ kandidati tal-KNŻ) għandu jirrispetta l-Istatut tal-KNŻ;

2 Kull Kandidat (jew grupp ta’ kandidati) għandu jfittex illi kull elezzjoni għall-Eżekuttiv (jew għal membru tal-Eżekuttiv) tkun waħda ġusta, trasparenti u aċċessibbli għall-kull Membru tal-KNŻ li huwa eleġibbli biex jivvota skont l- Istatut tal-KNŻ;

3 Kull Kandidat (jew grupp ta’ kandidati) għandu jfittex li dak li jgħid, jagħmel jew jikteb ikun għall-ġid tal-KNŻ u m’għandu qatt jgħid kliem dispreġġativ jew malafamanti lejn Kandidati (jew gruppi ta’ Kandidati) jew Membri tal-KNŻ u/ jew jgħid jew b’xi mod jallega b’xi diskors, kitba jew mezzi oħra affarijiet li mhumiex veri jew fattwali;

4 Kull Kandidat (jew grupp ta’ kandidati) għandu f’kull waqt juri rispett lejn l-elettorat u m’għandu qatt jipprova jinganna jew juża xi mezzi li bihom direttament jew indirettament jinganna lill-eletorrat;

5 Kull Kandidat (jew grupp ta' kandidati) għandu f'kull waqt jimxi b'mod korrett u m'għandu qatt juza tattiċi jew mezzi li bihom jipprova jixtri voti u/jew jġiegħel lill-xi individwu jivvota b'mod sfurzat jew inkella jorndalu jew jimponilu kif għandu jivvota;

6 Kull Kandidat (jew grupp ta' kandidati) għandu f'kull waqt jirrispetta s-sistema elettorali u jesegwixxi r-regolamenti illi jirregolaw il-proċeduri kollha tal-elezzjoni – inklużi dawk;

i. fl-Istatut tal-KNŻ;
ii. maħruġin uffiċjalment mill-Kummissjoni Elettorali bħala regoli, deċiżjonijiet kif ukoll bħala guidelines jew memos;
iii. deċiżżjonijiet tal-Bord tal-Kontroll.

7 Kull Kandidat (jew grupp ta' kandidati) għandu f'kull waqt jassisti lill-Kummisjoni Elettorali sabiex hi tkun tista twettaq ix-xogħol tagħha bla xkiel u mingħajr interruzzjonijiet frivoli jew vessatorji;

8 Kull Kandidat (jew grupp ta' kandidati) għandu f'kull waqt jimxi b'mod korrett u fejn jaf li hemm xi proċeduri żbaljati jew li jagħtu jew li jistgħu jagħtu lok għal interpretazzjoni żbaljata, jew xi abbuż, u/jew ifixxklu l-andament u/jew ir- riżultati tal-elezzjoni,

għandhom javżaw lill-Kummissjoni Elettorali u/jew lill- Bord tal-Kontroll immedjatament;

9 Kull Kandidat (jew grupp ta’ kandidati) għandu jirrispetta r-rieda tal-elettorat;

## IT-TIELET PARTI

## REGOLI TA’ ETIKA LI JAPPLIKAW GĦALL-MEMBRI TAL-BORD TAL-KONTROLL

1 Il-Membri tal-Bord tal-Kontroll għandhom, sa fejn japplika, jaġixxu skont ir-regoli li japplikaw għall-Membri tal-Eżekuttiv tal-KNŻ skont din il-Kodiċi ta’ Etika.

2 Il-Membri tal-Bord tal-Kontroll ukoll jassiguraw illi;

i. jibqgħu awtonomi u imparzjali;

ii. jibqgħu oġġettivi;

iii. ifittxu f’kull ħin u waqt il-ġustizzja;

iv. japplikaw il-prinċipji tan-natural justice;

v. kif ukoll *rulings* tal-passat;

– u għalhekk f’dan is-sens ;

i. m’għandhomx jiġġudikaw u/jew jieħdu deċiżżjoni/jiet qabel ma jkunu semgħu l-partijiet kollha; u/jew qabel ma taw ħin biżżejjed lill-partijiet kollha sabiex isemmgħu leħenhom u biex jirribattu għal kwalunkwe akkuża jew

allegazzjoni li ssirilhom jew li ssir dwarhom;

ii. m'għandhomx jieħdu deċiżżjoni/jiet jew jagħtu parir jew rikkomandazzjoni f'kwistjonijiet fejn huma għandhom xi interess personali jew xi kunflitt ta'interess ieħor jew li fih huma jkunu nvoluti direttament jew indirettament;

iii. għandhom dejjem jagħtu raġunijiet bil-miktub bi spjegazzjoni għad-deċiżżjoni, opinjoni u/jew rikkomandazzjoni illi huma jagħmlu;

3 Filwaqt illi huma qiegħdin jiddeliberaw u/jew jieħdu deċiżjoni, il-Membri tal-Bord tal-Kontroll għandhom dejjem jużaw bħala bażi essenzjali dawn li ġejjin;

1. l-Istatut tal-KNŻ
2. Id-Deċiżjonijiet tal-Assemblea Ġenerali
3. Il-Liġi ta' Malta u tal-UE
4. Moralita u Ekwita'
5. Il-Policies tal-KNŻ

## IR-RABA' PARTI

## DAN IL-KODIĊI- REGOLI ANĊILLAR

1 Dan il-Kodiċi huwa dokument statutorju, li għandu jkun dejjem anness mal-Istatut tal-KNŻ u f'dan is-sens għandu jservi bħala Kodiċi ta' Etika li tiddefinixxi u tagħti gwida ta' x'inhu mistenni mill-imġieba tal-(1) membri tal- Eżekuttiv u Diretturi tal-KNŻ; (2) tal-kandidati tal-membri tal-Eżekuttiv tal-KNŻ (3) tal-Membri tal-KNŻ u (4) tal-Bord tal-Kontroll

2 Dan il-Kodiċi japplika mingħajr preġudizzju għal dak kollu imsemmi fil-bqija tal-Istatut tal- KNŻ

3 Dan il-Kodiċi japplika mill-mument li dan l-istess Kodiċi ta' Etika jingħata l-approvazzjoni rikjesta mill-Istatut skont punt 17.1.

4 Dan il-Kodici jista jiġi emendat biss mill-Assemblea Ġenerali tal-KNŻ bl-istess proċedura kif isiru l-emendi għall-Istatut tal-KNŻ, ħlief għal tibdiliet ta' żbalji fl-ortografija jew grammatiċi.